# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 478/2014**

Il-Pulizija

(Fabian Fleri)

vs

**John Mary Axaiq**

iben John, imwieled Pieta', fit-28 ta' Gunju, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297572(M)

Illum 16 ta' Ottubru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant John Mary Axiaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Ġzejjer fl-14 t'April 2008 u matul dawn l-aħħar sentejn ta' qabel din id-data:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga heroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr

ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga heroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Talli sar reċediv b'sentenza tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. L. Quintano LL.D. datata 16 ta' April 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati

ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva, kif ukoll kkundannatu għall-ħlas ta’ multa ta’ elf Euro (€1,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta tista’ titħallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ ħamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b’din is-sentenza erogata, u għall-dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero’ jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta’ ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li mill-atti ma’ jirrizultax li f’dan il-każ gew inkorsi spejjeż għal ħatra ta’ esperti, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat iħallas tali spejjeż.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati magħha ezebiti, taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur.

Fl-aħħarnett, il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin li minħabba l-problema li għandu l-ħati ta’ abbuż ta’ droga, jeħtieġ li jingħata l-kura kollha meħtieġa minħabba tali problema.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Mary Axiaq minnu ppreżentat fl-20 ta’ Novembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata ta' 10 ta' Novembru, 2014 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni ta' piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Illi tant hu hekk li mhux biss hija m'għaddietx biex teżamina l-verzjoni li ta l-imputat fil-korp tas-sentenza kif korroborata b'fatturi ċirkostanzjali li saru waqt l-investigazzjoni mal-każ in kwistjoni, iżda talli rrimarkat li l-istess verżjoni ta' l-imputat ħalliet ħafna allegazzjonijiet mingħajr ma qalet x'inhuma.

(i) Illi l-verżjoni li tal-imputat u cioe li hu ammetta li hu jabbuża mid-droga eroina kif ukoll provda fl-istqarrija tiegħu iżda dejjem ċaħad li qatt biegħ id-droga mhux talli hija kredibbli iżda saħansitra jekk wieħed jeżamina l-provi kollha prodotti, inkluż ċerti fatturi ċirkostanzjali, jasal għall-konklużjoni fl-agħar ipoteżi għall-imputat illi huwa ferm probabbli li fil-fatt draw skond kif rakkontati mill-imputat fil-verżjoni tiegħu. Dan il-grad ta' prova li għandha tirriżulta huwa biżżejjed għall-finijiet tal-liġi biex l-appellant ma jingħatax piena karċerarja stante li jekk huwa probabbli li ċ-ċirkostanzi seħħu kif qed jgħid l-imputat, allura tiġi waħedha li jeżisti dubju ragonevoli liema dubju għandu jmur favur l-istess akkużat.

(ii) Illi x-xhieda li taw Brian Busuttil u Keith Gauci huwa totalment inverosimili tant li l-Qorti ma tistax tqis bħala waħda attendibbli għax jekk jien il-każ u qegħdin jirrelataw dak li fil-fatt seħħ u l-prosekuzzjoni kienu konvinti minn dak li nqtal, kellhom jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom li fil-fatt kif qalet l-ewwel Qorti stess ma ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali kontrihom.

(iii) Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bażi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova,ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, tkun biżżejjed. (Ara App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.(Ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri (2.9.1999). Illi pero' kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzili jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv ta' l-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il fatti speċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant (App. Krim. Pulizija vs. Brian Caruana [23.5.2002]).

(iv) Illi fil-każ in kwistjoni hija ċarissma illi ma nstabet l-ebda droga iżda kif provdiet il-Qorti stess li kien ha, sachets ta droga eroina vojta u għalhekk kif jista' jiġi ppruvat *beyond reasonable doubt* sempliċiment b'istqarrija ġuramentata li fil-fatt kien hemm xiri ta' droga dejjem jekk kien hemm l-insemmi bejgħ u li l-istess droga huma speċifikati fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 meta lanqas biss ġew inkorsi spejjeż għall-ħatra ta' esperti.

(v) Illi għalhekk il-prosekuzzjoni ma ġabitx biżżejjed provi sabiex tissostanzja l-istqarrija ġuramentata li fiha x-xhieda kienu allegament ammettaw mal-pulizija dwar ix-xiri tad-drogi mingħand l-appellant.

(vi) Illi l-prosekuzzjoni naqset għalhekk milli tipprova illi fil-fatt l-appellant kellu l-intenzjoni illi jittraffika d-droga stante anke li ma nstabet l-ebda droga. Sabiex il-Qorti ssib ħtija ta' intenzjoni ta' spaċċ ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta "beyond reasonable doubt" illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga iżda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispaċċa jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga. Għaldaqstant sabiex jiġi sodisfaċentement ippruvat ir-reat in deżamina, l-Qorti trid, wara li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi prodotti, tasal għal konvinċiment morali illi miċ-ċirkostanzi tista' "*safely and satisfactorily*" tiġbed inferenza w tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta w speċifika ta' l-ispaċċ, u sabiex ma jinħolqux inġustizzji l-intenzjoni ta' l-ispaċċ għandha tirriżulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliċiment frott ta' konġetturi u suppozizzjonijiet.

(vii) Illi għalhekk fil-każ in kwistjoni għandha tapplika l-prinċipju 'in dubio pro reo'

(viii) Illi l-Onorabbli Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn għandha verżjoni tax-xhieda li fiha qegħdin jgħidu li xtraw eroina u dan mingħajr ma għandha l-ebda riżultat ta' analiżi forensiki dwar x'kienet effettivament din is-sustanza u dan jekk dejjem veru xtraw l-eroina u li jekk xtrawha xtraw l-istess droga mill-imputat u dan qed jingħad minħabba l-fatt li l-imputat sa mill-bidu nett u a *tempo vergine* dejjem ċaħad li biegħ xi drogi.

(ix) Illi l-ħtija ta' l-impuata dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontrih tista' torbot biss u esklussivament fuq l-istqarrija ġuramentata tal-istess xhud u fin-nuqqas t' analiżi forensika ta' din

is-sustanza, liema analiżi kienet x'aktarx tikkorrobora verżjoni waħda jew l-oħra. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konvinċiment morali li s-sustanza fil-pussess tax-xhud kienet droga eroina u konsegwentement ix-xhieda kienu xtraw din id-droga mingħand l-imputat. Jingħad ukoll illi anke kieku għall-grazzja tal-argument,il-Qorti kellha tistrieħ fuq il-verzjoni oriġinali tax-xhud, fejn huwa indikaw illi kien xtara l-eroina mingħand l-imputat f'żewġ okkażżjonijiet preċedenti,
il-Qorti għandha tinnota illi x-xhieda qatt ma indikaw il-perjodu preċiż meta xtraw id-droga mingħand l-imputat.

(x) Illi fir-rigward tas-sustanza li nstabet fir-residenza tal-imputat, lanqas ma ġiet esebita r-relazzjoni tal-Ispizjar nominat sabiex jaghmel l-analiżi forensika li tista' tistabilixxi x'kienet is-sustanza hekk misjuba. Għalkemm x'aktarx illi s-sustanza esebita kienet droga eroina, anke fid-dawl tal-fatt li nstab il-foil maħruq, madankollu, mingħajr analiżi, il-Qorti ma tistax tasal għall-konvinċiment morali illi din is-sustanza kienet fil-fatt droga eroina.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għal-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun

raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubbklika ta' Malta v. George Azzopardi deċiza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

**Xhieda:**

Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-**ispettur Fabian Fleri** jixhed li fl-14 t'April, 2008 huwa flimkien ma' PS 1330 Alexander Schembri u PS 1593 Alfred Cachia u PC 916 Samuel Veneziani marru fir-residenza tal-appellant għax kienu rċevew telefonata anonima li kien qed isir abbuż ta' droga f'dik ir-residenza. Infatti, meta marru fuq il-post huma sabu lil appellant flimkien ma' ħames persuni oħra. Fuq wieħed minnhom (Darren Gatt) instabu żewġ siringi użati u fir-residenza instabu '*…ġewwa basket tal-plastic li kien qiegħed moħbi fuq is-saqaf ta' kamra li kien hemm fuq il-bejt instabu diversi ammonti ta' biċċiet ta' foil li kienu jidhru li kien hemm xi sustanza maħruqa fuqhom u John Mary Axiaq qalilna li daw**n kienu kollha tiegħu għax hu kien jabbuża mid-droga eroina.**' (Fol 12)*. Tnejn mill-ħames persuni li kienu miegħu rrilaxxaw stqarrija ġuramentata , filwaqt li Darren Gatt miet matul il-proċeduri.

Meta xehed **PS 1330 Alexander Schembri** fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2010 huwa nforma l-Qorti bit-tfittxija intensiva li kienet saret fir-residenza u li apparti s-siringi fil-kalzetta ta' Darren Gatt

huma kienu sabu fil-baskett tal-plastik erbatax (14) –il sachet ta' droga eroina li dehru li kienu intużaw f' dik il-ġurnata. Inoltre, sabu ukoll **kwantita' kbira** ta' foil li fuqu kienet ġiet imsajjra d-droga eroina. **John Mary Axiaq kien qalilhom li kienu kollha tiegħu u użati minnu personalment**.

Fix-xhieda tagħhom **PS 1593 Alfred Cachia u PC 916 Samuel Veneziani** kkonfermaw dak li qalu l-ispettur Fabian Fleri u PS 1330 Alexander Schembri.

Meta xehed **Brian Busuttil** fit-22 ta' Frar, 2010 li kien wieħed mill-persuni li nstab fir-residenza tal-appellant huwa jikkonferma li dakinhar il-Pulizija ma sabu xejn fuqu għax hu kien mar hemm għal xi pittura pero' ikkonferma wkoll ampjament quddiem il-Qorti li kien **xtara xahar qabel dakinhar droga eroina mingħand l-appellant** pero dakinhar ma xtarax.

'***Qorti: Din saret fl-14 t'April, 2008 u int għidt xi xahar ilu kont xtrajt mingħand l-imputat. Tikkonfermaha bil-ġurament din ?***

***Xhud: Iva' (Fol 34)***

*U aktar tard a fol (38)*

***Qorti: il-mistoqsija hija jekk inti xtrajtx mingħand l-imputat , iva jew le.***

***Xhud: Iva***

*Avukat; Inti għidt li meta xtrajt it-tieni darba ħallast LM5. L-ewwel darba kemm ħallast?*

*Xhud: Le, l-ewwel darba konna ħadnieha flimkien u jiena kont nagħtih xi ħaġa biex jixtri jew l-ikel jew zokkor.....'*

U wara jkompli jżid jgħid li kien ħallsu xi żewġ liri jew tlett liri maltin għaliha.

Fl-10 ta' Jannar, 2011 **xehed Keith Gauci**, (persuna oħra li kienet fir-residenza tal-imputat dakinhar) fejn ikkonferma l-istqarrija ġuramentata li kien ta fil-15 t'April, 2008 u fejn għal mistoqsija jekk qatx xtara droga mingħand Jimmy, huwa jirrispondi iva u li kien **għamel sitt xhur**

**jixtri droga eroina mingħandu madwar darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa**. Huwa speċifika wkoll li **kien jagħmel dan sena u nofs qabel** u li dakinhar pittura mar jara u mhux jixtri droga. Fl-aħħar tal-istqarrija meta mistqosi jridx jżid xi ħaġa huwa jgħid is-segwenti: *'Irrid ngħid li jiena kont mort għand Jimmy għall-ħabta ta' Diċembru tas-sena l-oħra biex nixtri xi antikitajiet wara li kien ħadni terza persuna għandu mingħajr ma kont naf li huwa l-istess Jimmy li kont nixtri droga mingħandu u niftakar li Jimmy kien staqsieni għalfejn ilni ma nidher u jiena kont għidtlu li jiena waqaft u jiena clean u hu kien qalli li jixtieq jieqaf ukoll u **li jrid jieqaf jbiegħ għax kien qed imorru ħafna nies għandu biex jixtru u kienu qed iġibuh hot** u jiena ssuġerejtlu biex isib job'. Fol 45.*

Huwa jikkonferma li l-Pulizija ma kienu sabulu xejn fuqu dakinhar u huwa kien hemm għax kien ħa żewġ pitturi lil appellant biex jurihomlu.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2012 xehdet **Jean Cali** addetta mal-caritas infurmat il-Qorti li l-imputat kien jgħix ġo qisha għar mingħajr dawl u ilma u offrewlu kamra u daħal magħhom minn Ġunju, 2011 u sejjer tajjeb. Huwa kien qalilha li kien joffri d-droga biex ikun jista' jiekol xi ħaġa.

**Fit-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti:**

Id-difiża fit-trattazzjoni tagħha ssotni li huwa kien jgħix ġo għar u li huwa mhuwiex mentalment kapaċi bħal ħaddieħor għax idum ma jifhem. L-ispettur irribatta u qal li d-dar li sabuh fiha kienet dar normali u kbira u ma kienet ebda għar kif qed isostni d-difiża.

***Aggravji***

**Aggravju li l-appellant kien jabbuża mid-droga iżda qatt ma biegħ droga**

Illi li l-appellant kien jbiegħ id-droga ġiet pruvata mill-hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u dan permezz tax-xhieda mogħtija minn Brian Busuttil u Keith Gauci li hija ċara u konsistenti, u ma hemm ebda raġuni biex ma tqis din bħala attendibbli.

Għaldaqstant dawn l-aggravji mhux qed jiġi milqugħa.

**Aggravju dwar kredibbilita' tax-xhieda**

Illi l-lanjanza ewlenija mqanqla mill-appellant, hija marbuta man-nuqqas ta' kredibbilita' tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' ta' Brian Busuttil u Keith Gauci

Din il-Qorti fliet ix-xhieda u l-atti kollha u jidrilha li x-xhieda mogħtija minn Brian Busuttil u Keith Gauci huma kreddibli u li huma prova bizzejjed u ċara li l-appellant kien infatti ibiegħ id-droga.

**L-Artikolu 638 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

*(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

F'dan il-każ hawn iktar minn xhud wieħed li jikkonferma li kien xtara d-droga mingħand l-appellant. Keith Gauci saħansitra kkonferma li kien għamel sitt xhur imur bejn darbtejn u tlett darbiet fil-ġimgħa biex jixtri mingħandu. Skont l-Artikolu 638(2) ix-xhieda ta' Brian Busuttil u Keith Gauci huma biżżjjed bħala prova u dan jiġi in oltre imsaħħaħ permezz tal-artikolu 30 u 30 A tal- Kap 101.

L-artikolu 636 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jitkellem fuq il-persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, '*id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'*.

Fis-sentenza Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer deċiża** mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-8 ta' Marzu 2014 intqal illi '*biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univocita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'*.

Ix-xhieda Brian Busuttil u Keith Gauci kienu taw stqarrija ġuramentata fit-termini tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u din hija prova intiera fiha nnifisha li ma tinneċcesitax provi oħra li jsostnuha, salv dejjem id-dritt tal-kontroezami mid-difiza, li f'dan il-każ sar. Sussegwenetment ikkonfermaw bi sħiħ l-istqarrija ġuramentata quddiem l-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**Aggravju li x-xhieda ma kienux indikaw perjodu meta xtraw mingħand l-appellant**

Wieħed mill-aggravji mressaq mid-difiża huwa li x-xhieda ma kienux indikaw il-perjodu meta xtraw id-droga mingħand l-appellant iżda dan huwa ċar ħafna mix-xhieda tagħhom għax Brian Busuttil jindika bħala żmien xahar qabel il-ġurnata li sabuhom il-Pulizija u Keith Gauci kkonferma li kien sena u nofs qabel.

Għaldaqstant din il-Qorti mhux qed tilqa' dan l-aggravju.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Fi-fehma tal-Qorti f'dan il-każ, li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina jirriżulta ċar, kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu u, kif ukoll mill-oġġetti li nstabu fir-residenza tiegħu, illi effettivament jindikaw illi l-imputat kellu dan il-vizzju.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' ħtija

tal-appellant.  Pero' tħoss li għandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena peress li ilu jagħmel sforzi kbar biex jegħleb din il-problema tad-droga.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Finalment meta tigi biex tqies il-piena li għandha tigi inflitta, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-akkużi miġjuba kontra l-appellant li huma reati ta' natura serja u ċ-ċirkostanzi tal-każ fejn jidher li speċjlament Keith Gauci kien qed jiġi fornut bid-droga erojina mill-appellant għal perjodu ta' sitt xhur bejn darbtejn jew tlett darbiet f'ġimgħa u li l-Ewwel Qorti korrettament ikkalukulat  media ta' 48 pakkett eroina tul is-sitt xhur għal Keith Gauci u żewġ pakketti għal Brian Busuttil b'total ta' 50 pakkett.

Ħadet qies ukoll tal-fedina penali aġġornata tiegħu fejn jidher ċar li l-appellant kellu preċedentement każijiet oħra relatati mad-droga u l-fatt li huwa reċediv.

Din il-Qorti qieset ukoll li dan il-każ ħa 'il fuq minn disa' snin biex jiġi deċiż u skont ix-xhieda ta' Jean Cali wara ħafna impenn u tul ta' żmien konsiderevoli l-appellant qed jagħmel progress biex jegħleb il-problema tad-droga.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed **tikkonferma** s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi nkwantu jirrigwarda l-mertu. Iżda  nkwantu jirrigwarda l-piena **tħassar u tirrevoka** l-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva u minflok tikkundannah **għal tnax (12) – il xahar priġunerija u tikkonferma l-multa ta' elf Euro (€1,000.00)** imposta , li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għall-dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga magħha ezebiti, taħt is-superviżjoni tar-Reġistratur.

Inoltre, tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jingħata l-kura u l-attenzjoni kollha meħtieġa sabiex ikompli jegħleb il-problema tad-droga li wara tant sforzi beda jirnexxilu jikkumbatti.

Tordna għal dan il-għan illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Ħabs.